# Daħla

*Tliet xhur qabel, ġewwa Villa Manduca, fir-Rabat*

Il-purtelli tat-tieqa tan-nofs instabtu 'l ġewwa bis-saħħa u buffura qawwija ta' riħ imliet il-kamra bil-kesħa u x-xita. Ix-xemgħa f'idejn Rita ntfiet. Rita qabżet, maħsuda, u fid-dlam fittxet id oħtha Domenica, titriegħed bil-biża' maġenbha. Il-ħoss tax-xita tfaqqa' mal-ħġieġ tat-twieqi l-oħrajn qisu tqawwa issa li sabu ruħhom fid-dlam. Berqa qawwija xegħlet il-kamra għal ftit sekondi, biżżejjed biex titfa' dellijiet twal u strambi f'għajnejn iż-żewġt ixjuħ. Domenica bdiet tgħid rużarju minn taħt l-ilsien. Rita kienet wisq imbeżżgħa biex tagħmel xi ħaġa.

Il-leħen li kienu semgħu jsejħilhom eżatt wara li nqata' d-dawl reġa' rbombja.

"Riiitaaaa! Domeeeniiicaaaa!" sejjaħ il-leħen minn xi mkien tassew qrib.

Ix-xjuħ werżqu.

"Mmmmmm...min hemm? Mmmmmmm... min inti?" lissnet Rita, leħinha mriegħed.

Dwal ċkejknin mill-kuritur. Jixegħlu, jintfew. Ħsejjes ta' passi għaġġelija.

"Riiiitaaa! Domeeeniiicaaaa!" sejħilhom il-leħen, jixbah il-ħoss tar-riħ li kien qed jonfoħ b'saħħa. Qtar tax-xita daħal mal-buffuri u xarrab liż-żewġ nisa, iżda tant ma felħux jiċċaqalqu li lanqas biss taw kas.

Ħoss kbir fil-kamra. Qalbhom għoddha waqfet. Ix-xemgħa mitfija waqgħet minn idejn Rita u rrumblat mal-art.



# 1.

## Eleonora Psaila

Ix-xufier tat-*taxi* waqqafha eżatt quddiem il-bieb tal-uffiċċju ta' Irvin Vella f'Ħ'Attard. Niżlet bl-għajnuna tal-istess xufier, u rringrazzjatu. Kienet diġà ħallsitu qabel telqu.

"Tista' tħallini hawn, għax ma nafx kemm se ndum. La nlesti nċempillek," qaltlu bi tbissima. Kienet tafu, u dejjem lilu kienet iċċempel meta jkollha bżonn tmur xi mkien. Meta jkun jista', kien imur. Meta jkollu diġà xi vjaġġ, kien jibgħat lil xi wieħed minn sħabu. Dejjem ra kif għamel u qdieha.

"Ċempel xħin trid, Sinjura!" qalilha filwaqt li għenha toħroġ mill-karozza għal fuq il-bankina.

Eleonora, mara ta’ wieħed u sebgħin sena, armla għal dawk l-aħħar għoxrin sena, ħalliet lix-xufier jgħinha timxi biċċa qasira sa ma waqfet quddiem il-bieb tal-uffiċċju. Irringrazzjatu mill-ġdid u daret tistennieh jirkeb fil-vettura tiegħu u jitlaq. Ħadet gost bl-għajnuna tax-xufier. Saqajha ma kinux għadhom jifilħuha wisq, l-aktar minħabba l-ilma li kien jitrabbielha fi rkupptejha. Straħet ftit sakemm ħarset lejn il-bieb kbir tal-garaxx li ġie maqlub f’uffiċċju. Xi ħadd dan l-aħħar kien żebgħu mill-ġdid, lewn griż ċar ħafna. Kienet għadha tinxtamm ir-riħa taż-żebgħa. Għafset il-qanpiena mwaħħla mal-koxxa tal-bieb taħt tabella ċkejkna tal-bronż bl-isem ‘Irvin Vella, Investigatur Virtwali’ mnaqqax fuqha.

Wara ftit sekondi, bieb żgħir maqtugħ fil-bieb il-kbir tbexxaq xiber, u lemħet il-wiċċ imfaqqa’ taż-żagħżugħ li madwar xahar qabel kien qdieha tant tajjeb meta kellha bżonnu. Għarafha u fetaħ il-bieb beraħ.

“Sinjura! Kemm qed nieħu gost nerġa’ narak. Għaddi, għaddi.”

Daħlet ġewwa u Irvin għalaq il-bieb warajh.

Din kienet l-ewwel darba li marret l-uffiċċju, għax dak iż-żmien meta kienet ġiet bżonnu, kienet ċemplitlu wara li sabet ismu u n-numru tiegħu minn fuq il-gazzetta u kien mar hu għandha. Kellu uffiċċju ħelu: naqra mlaqqat, imma ħelu. Ħadha fuq ġewwa u stedinha tpoġġi fuq pultruna tal-qasab li dehritilha naqra baxxa żżejjed għaliha.

"Inġiblek xi ħaġa x'tixrob, Sinjura?" staqsieha.

"Tazza ilma, jekk jogħġbok. U għajjatli Eleonora. Hekk semmietni ommi."

Mar lejn vetrina u ġabilha t-tazza bl-ilma, imbagħad poġġa fuq il-pultruna l-oħra, li faqqgħet u pprotestat taħt dak il-piż żejjed. Fil-fatt innutat li għalkemm il-pultruna kienet tassew wiesgħa, Irvin bilkemm daħal fiha.

"Kif nista' naqdik, din id-darba, Sinjura Eleonora? Tgħidlix li Gusto reġa' sparixxa?!"

Eleonora daħqet. "Le, le, Gusto jilgħaq ix-xemx qiegħed fil-loġġa, tinkwetax[1]. Le, ġejt hawnhekk f'isem żewġt iħbieb tiegħi — jew aħjar, ġejt nara tistax tgħinhom. Huma għadhom ma

[1] Kif tistgħu tobsru, Gusto huwa l-qattus tas-Sinjura Eleonora; u flimkien mal-kuġini tiegħu Luca u Laura, Irvin kien irnexxielu jsibu wara li dan kien insteraq minn ġara tas-Sinjura li kienet tgħir għaliha.

jafux li jien ġejt nitlob l-għajnuna tiegħek. Jekk taċċetta, immur u nikkonvinċihom biex ikellmuk."

"Ħa nara hux nifhmek sewwa, Sinjura: għandek żewġt iħbieb li għandhom bżonn l-għajnuna. U inti ġejt għandi biex tara jien nistax ngħinhom mingħajr ma jafu b'xejn?"

"Hekk hu," weġbitu.

"U x'tip t'għajnuna għandhom bżonn?"

Eleonora gerfxet ftit fil-*handbag*, sakemm ħarġet envelop kannella. Minnu ħarġet folja musfara, mitwija fi tnejn, u għaddietha lil Irvin. Kienet xorta t'ittra miktuba b'ittri mqasqsin. Il-Malti kien antik, għalhekk bata ftit biex fehem. Flieha sew. Qraha darbtejn, jixtarr kull kelma. Fl-aħħar għolla ħarstu lejn ix-xwejħa.

"Din ittra ta' theddid. M'hemm ebda dubju. Għaliex ma marrux biha għand il-Pulizija?" staqsa Irvin.

"Għax il-mod kif irċevew dik l-ittra, kif ukoll xi avvenimenti li ġrawlhom dan l-aħħar, huma kemxejn, kif naqbad ngħid, mhux tas-soltu. Ma jixtiqux li jdaħħlu lill-Pulizija. Jemmnu li mhux li jistgħu jgħinuhom wisq f'dan il-każ."

Irvin baqa' jħares lejn Eleonora — wiċċu xehed ċar li mhux jifhem akka.

"Tista' tispjegali aktar? Din l-ittra tgħid li l-aħwa Manduca għandhom ċans sa nofsillejl ta' nhar it-Tnejn li ġej biex joħorġu mid-dar fejn jgħixu. Għaliex dik id-data partikulari?" staqsieha fl-aħħar.

"Ħa ngħidlek, Irvin, jien ma nafx eżatt x'inhu jiġri. Naf biss il-ftit li rnexxieli nitkixxef, u naf b'din l-ittra, li wrewhieli tant kemm insistejt magħhom. Naħseb rawni kemm kont inkwetata. Id-data għandha tifsira, iżda ma nixtieqx ngħidlek jien. Inti taċċetta li almenu tipprova tgħinhom? Jekk taċċetta, jien immur issa stess għandhom u nikkonvinċihom isejħulek biex tiltaqa' magħhom u jekk inhu possibbli, tgħinhom. Forsi lilek jgħidulek aktar x'inhu jiġri."

Irvin ħasibha għal ħin twil, filwaqt li Eleonora xorbot l-ilma bil-mod. Fl-aħħar qalilha li kien se jaċċetta, u x-xwejħa ferħet. Imbagħad, wara li talbitu tagħmel telefonata u ċċempel lil tat-*taxi*, qaltlu biex jistenna telefonata mingħandha, u telqet 'il barra.